



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 179/23

Il-Lussemburgu, 23 ta' Novembru 2023

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża magħquda C-29/22 P u C-44/22 P | KS u KD vs Il-Kunsill et

Avukata Ġenerali Ċapeta: Individwi jistgħu jippreżentaw azzjoni kontra l-Unjoni Ewropea quddiem il-Qrati tal-Unjoni Ewropea bbażata fuq ksur allegat tad-drittijiet fundamentali minn miżuri ta' Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni Ewropea

Żewġ individwi tilfu membri tal-familja tagħhom fl-1999 wara l-kunflitt tal-Kosovo. L-omiċidji volontarji u l-għajbien baqgħu ma ġewx solvuti. Fl-2008, l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet missjoni ċivili, il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (Eulex Kosovo) li, fost il-kompiti tagħha, kellha tinvestiga tali reati.

Iż-żewġ individwi dehrilhom li Eulex Kosovo ma investigatx korrettament ir-reati li kienu jinvolvu lill-membri tal-familja tagħhom. Minħabba f'hekk, huma allegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Huma ppreżentaw azzjoni għad-danni fejn talbu kumpens quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-azzjoni tagħhom għax qalet li ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tisma' l-kawża. Dawn l-individwi u l-Kummissjoni Ewropea appellaw id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali.

Flimkien mal-Kawża C-351/22, Neves 77 Solutions, li fir-rigward tagħha l-Avukata Ġenerali Ċapeta wkoll tagħti l-konklużjonijiet tagħha llum (Stqarrija għall-Istampa Nru 180/23), dawn il-kawżi magħquda jqajmu kwistjonijiet importanti dwar il-limiti tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Unjoni fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) stabbiliti mit-Trattati.

Fil-konklużjonijiet tagħha, l-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta tgħid li d-dritt tal-Unjoni ma jillimitax il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Unjoni biex jisimgħu azzjoni għad-danni ppreżentata minn individwi bbażata fuq allegat ksur ta' drittijiet fundamentali minn kwalunkwe tip ta' miżura ta' PESK.

Tali interpretazzjoni tirriżulta mill-prinċipji kostituzzjonali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, prinċipalment l-istat tad-dritt li jinkludi d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-prinċipju li jirrikjedi r-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-politiki kollha tal-Unjoni. Ir-rwol kostituzzjonali tal-qrati tal-Unjoni li jirriżulta minn dawn il-prinċipji jista' jiġi limitat biss eċċezzjonalment. Il-ksur ta' drittijiet fundamentali ma jistax jikkostitwixxi għażla politika fl-Unjoni, u l-qrati tal-Unjoni għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jiżguraw li d-deċiżjonijiet fil-qasam tal-PESK ma jaqbżux il-“linji ħomor” imposti mid-drittijiet fundamentali.

Għaldaqstant l-Avukata Ġenerali Ċapeta tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tiegħu konjizzjoni tal-azzjoni għad-danni.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunew ġew

assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieġu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!

